TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 186/12-F

**Joseph Camilleri**
**vs**
**Ascot House**

Illum 21 ta' Mejju, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Awwissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sebgħa u ħamsin ewro (€57), rappreżentanti prezz ta' malja li wara li ħasilha bl-ilma kiesaħ, din il-malja marrilha l-kulur.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendietx għas-seduti.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub u kkonferma bil-ġurament illi huwa kien xtara malja mingħand id-ditta ntimata, liema malja kien użaha darba u wara li ħasilha bl-ilma kiesaħ, marrilha l-kulur.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi kellha ħafna malji dak it-tip u li ma kellhomx problemi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal, iffaċċjat b'dawn il-fatti, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' erbgħin ewro (€40), bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet, u b'dan illi l-malja tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

Avv Martin Fenech
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888